

Brussell, 24 ta' Frar 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0043 (COD)**

6575/17
ADD 2

PECHE 68
CODEC 248
IA 32

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Frar 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 63 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL- PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2017) 63 final.

Mehmuż: SWD(2017) 63 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2017
SWD(2017) 63 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

Li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

**li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħar fil-Baħar Adrijatiku u
għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet**

{COM(2017) 97 final}
{SWD(2017) 64 final}

Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet pelaġiċi ż-żgħir u għas-sajd tagħhom fil-Baħar Adrijatiku

A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni

1. Il-kuntest

Hemm żewġ problemi ewlenin marbutin mal-ħut pelagiċu ż-żgħir (jiġifieri l-inċova u s-sardin) fil-Baħar Adrijatiku:

1) hemm problema serja ta' sajd eċċessiv għal dan il-ħut minħabba kapaċità żejda tal-flotta, minħabba fatturi ambjentali (li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta), u minħabba miżuri ta' ġestjoni li mhumiex adegwati;

2) il-qafas ta' governanza mhuwiex effettiv minħabba l-miżuri ta' ġestjoni li mhumiex adegwati (li jillimitaw l-isforz tas-sajd, li mhuwiex adattat għall-karatteristiċi ta' dan it-tip ta' ħut u ta' dan it-tip ta' sajd) u minħabba l-kumplessità u n-nuqqas ta' stabbiltà tar-regoli attwali.

Jekk ma jinbidel xejn, hemm ir-riskju li dawn l-istokkijiet u s-sajd li jiddependi fuqhom jisfawxaw. Dan se jkollu impatti negattivi fuq il-ħut predatorju li jiekol l-inċova u s-sardin u impatti soċjoekonomiċi negattivi fuq is-settur tas-sajd u s-setturi sekondarji bħall-industrija tal-ipproċessar. L-aktar partijiet interessati affettwati huma s-setturi tas-sajd Kroati u Taljani, u b'mod ferm aktar limitat, dawk tas-Slovenja. Is-settur tal-ipproċessar huwa settur sekondarju ewlieni, b'mod partikulari fil-Kroazja u fl-Italja.

2. L-għanijiet tal-inizjattiva u l-valur miżjud tagħha

L-għanijiet ta' din il-proposta huma:

- li jinkiseb rendiment massimu sostenibbli għall-inċova u għas-sardin sa mhux aktar tard mill-2020 u li dan jinżamm;
- li jinkiseb settur tas-sajd sostenibbli; li jiġi pprovdut qafas ta' ġestjoni effettiv li jkun aktar sempliċi u aktar stabbli;
- li l-partijiet interessati jingħataw aktar responsabbiltà; u
- li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art.

Din il-proposta mistennija tiżgura l-irkupru tal-istokkijiet tal-inċova u tas-sardin sal-2020 u tiżgura li s-settur tas-sajd ikun sostenibbli, u li jkun hemm titjib fis-salarji tas-sajjieda (ta' + 4 % bħala medja) u iktar profittabilità għas-settur tas-sajd (ta' + 8 % bħala medja).

Minħabba li l-istokkijiet tal-inċova u tas-sardin u l-bastimenti tas-sajd ikkonċernati jgħaddu b'mod ħieles minn naħa għall-oħra tal-fruntieri internazzjonali, l-azzjoni fil-livell tal-Istati Membri biss x'aktarx li mhix se tkun effettiva biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmijin hawn fuq. Sabiex dawn il-miżuri jkunu effettivi, dawn għandhom jiġu implimentati b'mod ikkoordinat u għandhom japplikaw għaż-żona kollha fejn jinsab l-istokk u għall-flotot kollha kkonċernati.

B. Soluzzjonijiet

L-għażliet tal-politika li tqiesu f'din il-valutazzjoni tal-impatt jinkludu dawn li ġejjin:

- l-użu ta' strumenti mhux leġislattivi (“liġijiet mhux vinkolanti”);
- iż-żamma tal-istatus quo bħala x-xenarju ta' referenza;
- l-iżvilupp ta' Regolament tal-UE bil-għan li jkun hemm sajd sostenibbli ta' dawn l-istokkijiet jew sal-2018 jew sal-2020 (żewġ għażliet sekondarji); u
- l-emendar tal-qafas ta' ġestjoni attwali (leġislazzjoni nazzjonali u internazzjonali).

L-għażla ppreferuta proposta hija l-iżvilupp ta' Regolament tal-UE li jstabbilixxi l-2020 bħala l-limitu taż-żmien biex jintlaħqu l-għanijiet kollha msemmijin hawn fuq.

L-ebda parti interessata kkonsultata ma semmiet il-liġijiet mhux vinkolanti bħala għażla fattibbli. Parti interessata waħda biss qieset il-qafas attwali bħala biżżejjed. Dawk kollha li wiegħbu, minbarra Malta, ħassew li l-emendar tal-qafas attwali ma kienx se jkun biżżejjed. Il-Kunsill Konsultattiv tal-Mediterran (li huwa magħmul minn rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-industrija), l-NGOs, l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituti xjentifiċi, u l-Italja, il-Kroazja u s-Slovenja jappoġġaw l-iżvilupp ta' Regolament tal-UE, u jippreferu ħafna l-għażla sekondarja tal-“2020”.

C. L-impatti tal-għażla ppreferuta

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**benefiċċji tal-għażla ppreferuta**, il-benefiċċju ambjentali ewlieni se jkun li, wara snin ta' sfruttament żejjed tal-inċova u tas-sardin, dan it-tip ta' ħut se jibda jiġi mistad b'mod sostenibbli sal-2020 u s-settur tas-sajd se jkun iktar b'saħħtu u sostenibbli. Il-qafas ta' ġestjoni attwali se jkun aktar sempliċi, aktar stabbli u trasparenti u se jagħti aktar responsabbiltà lill-Istati Membri u lis-sajjieda, minħabba li huma jistgħu jiġu involuti fit-tfassil ta' xi wħud mir-regoli tal-ġestjoni. Iż-żieda fl-inċova u fis-sardin x'aktarx li se tkun ta' benefiċċju għal predaturi akbar li huma ta' valur bħalma hu t-tonn.

Sal-2021, il-pjan pluriennali tal-UE x'aktarx li se jwassal għal titjib fl-istokkijiet (ta' madwar 20 % meta mqabbel mal-istatus quo) u għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għas-sajjieda (b'żieda ta' madwar 5 % fis-salarju u ta' madwar 10 % fil-profitabilità).

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**ispejjeż tal-għażla ppreferuta**, huwa mistenni li sal-2021, biex jiġi żgurat li l-livelli tas-sajd ikunu jistgħu jinżammu fit-tul u li s-settur tas-sajd ikun sostenibbli u jkun iħalli qligħ, il-qabdiet tal-inċova u tas-sardin ikollhom jonqsu (b'madwar 25 sa 30 %), li se jwassal għal tnaqqis fid-dħul għas-settur tas-sajd (ta' madwar 25 %) u għal tnaqqis fl-impjiegi (ta' madwar 10 %). Dan jikkonċerna s-sajjieda mill-Kroazja u mill-Italja u b'mod aktar limitat dawk mis-Slovenja li jistadu b'bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew b'bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelaġiku. Hekk kif jonqsu l-qabdiet, il-prezzijiet x'aktarx jiżiedu mal-ewwel bejgħ u dan jista' jagħmel tajjeb, sa ċertu punt, għad-dħul imnaqqas tas-settur tas-sajd minħabba t-tnaqqis fil-qabdiet, iżda se jkun ħażin għall-konsumaturi u għas-settur tal-ipproċessar (b'mod partikulari fil-Kroazja u fl-Italja), li jistgħu jispiċċaw ikollhom iżidu l-importazzjonijiet tagħhom minn pajjiżi oħrajn.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**impatt fuq l-SMEs**, ta' min jinnota li l-politika komuni tas-sajd hija politika mmirata b'mod speċifiku biex tittratta l-SMEs, li huma n-norma fis-settur tas-sajd, aktar milli l-eċċezzjoni. Fis-sajd għas-sardin u għall-inċova li jseħħ fil-Baħar Adrijatiku, kważi l-impriżi kollha tas-sajd u l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fis-settur tal-ipproċessar huma mikrointrapriżi jew SMEs. Għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta abbażi tad-daqs tagħhom għax inkella l-biċċa l-kbira tas-settur ikun eskluż u din il-proposta tispiċċa ma tkunx effettiva. Għaldaqstant, il-pjan pluriennali tal-UE se jkun japplika għan-

negozji kollha, inklużi l-SMEs u l-mikrointrapriżi. Għalhekk x'aktarx li l-impatti kollha deskritti hawn fuq se jkunu japplikaw għall-intrapriżi kollha fi gradi differenti, skont kif l-Istati Membri jiddeċiedu li jallokaw it-tnaqqis meħtieġ fis-sajd għas-segmenti differenti tal-flotta.

Mhu mistenni jkun hemm l-ebda impatt fuq il-**baġits nazzjonali** tal-Istati Membri, minħabba li diġà hemm il-monitoraġġ u l-għbir tad-dejta rilevanti u se jkun hemm bżonn biss li tiżdied il-frekwenza tagħhom.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' **impatti sinifikanti oħrajn**, hu mistenni li l-profittabilità mtejba tas-settur tas-sajd fil-Baħar Adrijatiku se tagħmel is-settur aktar kompetittiv u, flimkien mat-titjib fis-salarji, se twassal biex is-settur ikun iktar attraenti.

D. Segwitu

F'dak li għandu x'jaqsam mar-rieżami ta' din il-politika, ta' min jinnota li l-Kummissjoni se tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u kull ħames snin wara dik id-data.